**NAXXAR**

# MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

SEDUTA NRU. 42 – IT-TLIETA, 29 TA' APRIL 2014

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joe Micallef | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa 41 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1. Is-SE informa lill-membri li s-Sur Albert Galea aċċetta li jraħħas l-ispiża tal-korsijiet Pilates u Aerobics li jorganizza f'Baħar iċ-Ċagħaq, mill-prezz ta' Eur250 għal Eur200. Issemma li kien hemm it-tama li f'Ottubru jibda l-Pilates.

2.2. Kien hemm qbil unanimu li m'għandux jingħata permess lil tat-tombla għaż-żmien tas-Sajf għaliex ħafna drabi dawn jispiċċaw iħallu l-post maħmuġ.

2.3. Is-Sinj. Cuomo qalet li sid Las Palmas sostna li għandu parti mill-art li hemm madwar il-ħanut tiegħu kif ukoll parti mill-bajja. F'dan id-dawl il-Kunsill kien mitlub biex jivverifika.

2.4. Iċ-*Chairperson* infurmat li s-Sinj. Muscat għamlet appuntament mal-Onor Dott. Michael Falzon (responsabbli mill-MEPA). Dan hu ffissat għal nhar is-26 ta' Mejju 2014 fl-10:30am, Kastilja. It-tema ta' din il-laqgħa se tkun fuq il-permessi li jinħargu fiż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

2.5. Fuq applikazzjoni li waslet għand il-Kunsill mingħand ċertu Sinjura Xuereb, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali In-Naxxar ma jagħtix permess ta' kiosk wara ż-żona ta' Splash & Fun. Dan għaliex hija żona ta' parkeġġ filwaqt li l-Kumitat ma jsibx ġustifikazzjoni li sidt il-kiosk tikkamparra parkeġġ b'mod permanenti.

## 3. SERVIZZ TAT-TRASPORT PUBBLIKU 205

3.1. Is-Sinj. Cuomo qalet li r-residenti qegħdin jagħmlu petizzjoni biex il-karozza numru 205 tibqa' tgħaddi miż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

3.2. Il-Kunsill se jikteb lil Ministru Mizzi sabiex din il-krozza tibqa' toffri s-servizz tagħha lir-residenti f'Baħar iċ-Ċagħaq. Ir-raġunijiet ewlenin huma li kemm-il darba din il-karozza tieqaf, ir-residenti ma jkollhomx servizz ta' trasport pubbliku għal postijiet bħar-Rabat, Mosta u Naxxar. Barra minn hekk fis-Sajf, din il-karozza hija mfittxija ħafna mill-istudenti.

## 4. ATTIVITÀ GĦAS-SAJF

4.1. Is-Sinj. Cuomo qalet li avviċinawha xi ġenituri, residenti f'Baħar iċ-Ċagħaq sabiex il-Kumitat jorganizza attività mmiratha għat-tfal.

4.2. Il-Kumitat qabel li għandu jsir tentattiv sabiex tigi organizzatha attività għat-tfal fis-Sajf 2014. Kien għalhekk li l-Kunsill ikkuntatja lis-Sur Euchar Camilleri ta' B'Kara Saint Joseph Sports Club bl-intenzjoni li jakkwista kwotazzjoni għal xi attivitajiet sportivi fil-bajja ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

4.3. Kien hemm qbil unanimu li din l-attività għandha ssir xi darba s-Sibt.

4.4. Is-Sinj. Cuomo qalet li għal din l-attività mistennija jattendu madwar 20 tifel u tifla.

## 5. LIĠI DWAR L-ISKIPPS

5.1. Is-SE informa lill-membri li l-liġi tal-iskipps tapplika għal kull lokalità minħabba li hija Bye Law Ġenerali.

5.2. F'dan id-dawl is-Sinj. Cuomo insistiet mal-membri sabiex jiġbdu l-attenzjoni u jwissu l-individwi li jarmu fl-iskipps ta' Baħar iċ-Ċagħaq li ma jkunux residenti.

5.3. Is-Sinj. Cuomo qalet li hemm bżonn navżaw lil Green MT li l-*bring-in-sites* tal-karta huma mimlijin.

## 6. ILMENTI

6.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat lill-Kunsill li dan l-aħħar, fl-entratura tal-art tal-iscouts qiegħed ikun hemm hafna boroż taż-żibel.

6.2. Is-SE ta l-parir sabiex issir tabella ħalli min juża l-art, jieħu ħsieb jiehu l-iskart miegħu.

6.3. Min-naħa l-oħra s-Sur Micallef qal li hu tal-idea sabiex jekk jerġa' jirrepeti ruħu l-każ, jittieħdu ritratti mbagħad ngħadduhom lis-Sur Kenneth Demartino li huwa involut fit-tmexxija tal-Iscouts ta' Malta.

6.4. Is-Sinj. Muscat gibdet l-attenzjoni li hemm bżonn issir manutenzjoni fuq il-bankina ta' Triq Xatt il-Palm.

6.5. Is-Sinj. Muscat irrimarkat ukoll il-qagħda kritika ta' Trejqet il-Kampanjol. Ġiet innotifikatha li din se tiġi diskussa mal-Ministru Mizzi.

6.6. Is-Sur Micallef għamel talba għall-mera fi Trejqet il-Kampanjol kantuniera ma' Triq id-Dwieli.

6.7. Iċ-*Chairperson* qalet li hemm bżonn nibagħtu lill-perit Testaferrata Denoto fid-dawl tal-parti minn Triq il-Kosta li djieqet sabiex ibiddlu ż-żewġ mirja zgħar ma' oħrajn akbar; jaċċertaw li l-*beacons* qegħdin jixegħlu kollha filwaqt li l-*continuous white line* jagħmluh *dashed*. Ir-raġuni hija li s-sewwieqa li jkunu ħerġin minn Triq ir-Ridott ma jarawx is-sewwieqa li jkunu deħlin fl-istess triq.

6.8. Is-Sur Bonello nforma lill-membri li l-ktajjen tal-bandli fi Ġnien Santa Marija tal-Anġli għandhom bżonn jinbidlu.

6.9. Is-Sinj. Vella qalet li hemm bżonn nibagħtu lil xihadd sabiex jagħmel katnazz għall-bieb tal-grawnd sabiex jissakkar miftuħ.

## 7. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

7.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju, 2014 għas-6:00pm.

7.2. Il-laqgħa ntemmet fit-8:00pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |